**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 5/10VG**

**General Distributors Limited**

**Vs**

**Silcam Trading Agency Limited**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà General Distributors Limited fil-11 ta' Jannar 2010 permezz ta' liema titlob li s-socjetà Silcam Trading Agency Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hamest elef u wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u sittin centezmu (€5,021.64), liema somma hija certa, likwida u dovuta u tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ghal diversi konsenji ta' merca debitament konsenjati lilha fuq inkarigu taghha stess, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fit-23 ta' Dicembru 2009, kontra s-socjetà Silcam Trading Agency Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Silcam Trading Agency Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba attrici u titlob li tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, stante li: (i) in linea preliminari t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) fil-mertu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li ebda ammont ma kien dovut lis-socjetà attrici billi l-kuntratt kien gie xolt;

Rat l-affidavit ta' Joseph Galea esebit mis-socjetà attrici permezz ta' Nota ipprezentata fil-21 ta' Ottubru 2010 a fol. 14 sa' 17 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Joseph Galea moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Frar 2011[1] u tas-17

[1] Fol. 20 u 21 tal-process.

ta' April 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JG1" a fol. 45 u 46 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Silvio Camilleri moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Frar 2011[3] u ta' l-4 ta' Frar 2013[4], rat l-affidavit ta' Silvio Camilleri, id-dikjarazzjoni ta' Yvonne Camilleri u d-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' Silvio Camilleri esebiti mis-socjetà konvenuta fis-17 ta' Mejju 2012 a fol. 50 sa' 70 tal-process, semghet il-konfront bejn Joseph Galea u Silvio Camilleri waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2013[5];

Rat is-sentenza preliminari pronuncjata fit-12 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevata mis-socjetà konvenuta[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 87 sa' 90 tal-process u rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol. 92 sa' 94 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' €5,021.64, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal diversi konsenji ta' merca debitament konsenjati lis-socjetà konvenuta fuq inkarigu taghha stess. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema eccezzjoni giet michuda b'sentenza preliminari moghtija fit-12 ta' Dicembru 2011[7], u bl-eccezzjoni fil-mertu li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ebda ammont ma huwa minnha dovut lis-socjetà attrici stante li l-kuntratt kien gie xolt. Naturalment, una volta l-eccezzjoni preliminari giet trattata bis-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2011, din id-decizjoni tittratta dwar it-talba attrici fil-mertu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-somma ta' €5,021.64 pretiza mis-socjetà attrici effettivament tirrapprezenta l-import ta' fattura partikolari, il-fattura bin-Numru 88851[8], li s-socjetà konvenuta baqghet qatt ma hallset u ghadha sa' llum tippretendi li ebda hlas ma hu minnha dovuta vis-à-vis tali fattura. Is-socjetà konvenuta ghall-ewwel, ossia fir-Risposta taghha ghat-talba attrici, iggustifikat in-nuqqas ta' hlas tal-fattura u kwindi tas-somma in kwistjoni, in bazi ghall-affermazzjoni li ebda hlas ma kien minnha dovut lis-socjetà attrici permess illi il-kuntratt ta' bejniethom gie xolt. Tul is-smigh tal-proceduri però

[2] Fol. 48 u 49 tal-process.
[3] Fol. 22 u 23 tal-process.
[4] Fol. 76 u 77 tal-process.
[5] Fol. 79 sa' 85 tal-process.
[6] Fol. 36 sa' 40 tal-process.
[7] Fol. 36 sa' 40 tal-process.
[8] Affidavit ta' Joseph Galea, fol. 15 sa' 17 tal-process

s-socjetà konvenuta impostat id-difiza taghha fuq binarju ghal kollox differenti, u cioè fuq l-affermazzjoni li l-konsenja li ghaliha tirreferi l-fattura in kwistjoni u li ghandha valur ta' €5,021.64, kienet inghatat lilha *on consignment* u peress li l-merkanzija ma kenitx inbieghet is-socjetà attrici ma ghandhiex jedd ghall-hlas. In effetti s-socjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjoni formali minnha sollevata ghat-talba attrici u minflok iffukkat u emfasizzat fuq l-allegazzjoni li l-merkanzija in kwistjoni inghatat lilha *on consignment*.

Fir-rigward, in kontro-ezami, Silvio Camilleri, il-figura centrali wara s-socjetà konvenuta, iddikjara li *nikkonferma li minghand is-socjetà attrici kien hemm xi affarijiet li kienu jinbieghu lili on-consignment. Fir-rigward tal-fattura mertu ta' dawn il-proceduri, nghid illi dawn kienu prattikament kollha prodotti ta' l-indafa. Nghid ukoll li din il-konsenja partikolari kienet inghatat lili on consignment. Ghalina l-prodotti ta' din il-fattura kienu prodotti godda u jiena kont accettajt u jien niftakar li kien qalli* (ossia Joseph Galea) *biex nipprova nbieghlu dawn il-prodotti halli nmexxuhom. Peress li dawn kienu prodotti godda ghalija, kont accettajt li nehodhom però on consignment. Ghalkemm il-konsenja kellha valur ta' €6,000, jien ghalija ladarba gie habib tieghi li talabni biex nipprova inmexxilu l-prodotti, jiena accettajt. Dak iz-zmien ahna kellna relazzjoni tajba hafna u ma sibt xejn hazin billi naccetta l-prodotti u nipprova nbieghhom. Qed jigi suggerit lili li Joe Galea, rapprezentant tas-socjetà attrici, kien qal li jien kont irrifjutajt li nhallas din il-fattura peress li jien allegajt li l-prodotti kienu damaged. Jiena dan nichdu kategorikament,* ***ir-raguni li ma hallastx kienet ghaliex jien kont hadthom on consignment***[9]*. Fil-fatt il-maggor parti ta' dawn il-prodotti ghadhom fuq zewg pallets storjati ghandna. Dawn il-prodotti partikolari jien xtrajthom ghall-hanut, fil-fatt kont hallejt wisgha partikolari u lil Galea ghedtlu imla' li trid f'dak l-ispazju. Jien ma nistax nghid bl-ezatt kemm bieghhejt prodotti mertu ta' din il-fattura, però xi haga kont bieghhejt.* ***Il-ftehim ma' Galea kien li jigi jiehu l-affarijiet lura, jara x'ghandu u x' ma ghandux, johrogli credit note ta' l-affarijiet li ma nbieghux u d-differenza li inbieghu nhallsu***[10]*. Madanakollu hu ma kienx gie biex jiehu il-prodott, dejjem kien jghidli biex nipprova nbieghu. Kont ukoll avzajtu li ghalaqt il-hanut u allura zgura ma kienx hemm il-possibilità li nbieghu*[11].

Waqt il-konfront bejnu u Joseph Galea[12], Silvio Camilleri baqa' jishaq li l-merkanzija mertu tal-fattura mertu ta' dawn il-proceduri nghatat lilu *on consignment*. Ghall-mistoqsija diretta *però fuq din il-konsenja x'ghandek xi tghid fuqha?* Silvio Camilleri irrisponda ***fuq din il-konsenja, jiena nibqa' nghid, u ghax hekk hu, illi hu din tahieli on consignment meta hadt il-hanut, meta kelli l-hanut proprja***[13]*. Hemm il-mara tieghi li*

[9] Enfasi tal-Qorti.
[10] Enfasi tal-Qorti.
[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2013, fol. 76 u 77 tal-process.
[12] Seduta ta' l-4 ta' April 2013, fol. 79 sa' 85 tal-process.
[13] Enfasi tal-Qorti.

*nista' darb' ohra ngibha u tikkonferma ghax hi iktar minni kull meta jigi tghidlu dak ix-xoghol huduli lura, u imbaghad niehduh thabbilx rasek, don't worry.*
Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet taghha s-socjetà konvenuta bla tlaqliq ta' xejn tissottometti li *l-kawza prezenti tikkoncerna allegata konsenja ta' merkanzija mis-socjetà rikorrenti lis-socjetà intimata. Apparte d-dekorrenza ta' hafna snin hemm divergenza ta' x'tip ta' negozju sar bejn il-partijiet. Filwaqt li s-socjetà rikorrenti tallega bejgh sic et simpliciter* ***is-socjetà esponenti tirreferi ghal negozju ta' bejgh hekk definit bhala on consignment***[14]*. Is-socjetà rikorrenti kienet giet allokata fil-fond tas-socjetà esponenti ambjent cirkoskritt u xkaffar partikolari rizervati u limitati ghall-esposizzjoni u bejgh tal-prodotti taghha. Il-ftehim kien jikkonsisti f'illi l-istess xkaffar jigu stokkjati mis-socjetà rikorrenti bil-prodotti taghha biss. Kull tant zmien kienet issir verifika tal-bejgh u stokkjar mill-gdid. Rizultat ta' tali verifika kienu jsiru l-konteggi u l-esponenti thallasha ta' dawk il-prodotti li gew mibjugha*[15]*.*

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami tissussti sitwazzjoni cara fejn l-oneru tal-prova jinkombi principalment fuq is-socjetà konvenuta. Is-socjetà attrici, tramite x-xhieda ta' Joseph Gaela u d-dokumenti minnu esebiti, ossia rendikont relattiv ghan-negozju mas-socjetà konvenuta, irnexxielha tipprova li hija ghandha pretensjoni ghall-hlas tas-somma ta' €5,021.64 fil-konfront tas-socjetà konvenuta, liema ammont sa' llum ghadu ma' thallasx. Apparte l-prova cara da parte tas-socjetà attrici, l-istess Silvio Camilleri fl-affidavit tieghu[16] jirrikonoxxi li hemm din il-pendenza mas-socjetà attrici u fir-rigward iddikjara li *meta Joe Galea ghednilu biex jiehu l-merkanzija lura ghax ma nbieghetx u jaghmel 'credit note', dejjem qalilna lili u lill-mara biex inhalluha naqra ohra, forsi tinbiegh. Kien ghalhekk, li jiena ghidt lil Joe Galea li ma kontx ser inhallas dik l-'invoice' ghax rajtu qed itawwal wisq zmien biex johodhom lura.* Maghmula din il-prova sta ghas-socjetà konvenuta li issa hija tipprova li ebda hlas ma huwa minnha dovut ghaliex il-merkanzija mertu tal-fattura bl-import ta' €5,021.64 inghatat lilha *on consignment* u allura japplikaw il-principji guridici relattivi ghal dan l-istitut kummercjali partikolari.

In sostenn ta' din l-osservazzjoni ssir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili Nru. 1536**/99 deciza fit-12 ta' Novembru 2003: *huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap.12. Tajjeb f'dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju ta' l-oneru tal-provi ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu wtilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-*

[14] Enfasi tal-Qorti.
[15] Para. 1 u 2 tan-Nota ta' Osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta, fol. 92 tal-process.
[16] Fol. 50 sa' 52 tal-process.

*rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verità xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti.* ***Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu. Fil-kaz, imbaghad, li il-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti il-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrttiva a sensu ta' l-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficjenti jew insodisfacenti***[17].

Ikkunsidrati l-provi prodotti mis-socjetà konvenuta in sostenn tal-kontestazzjoni taghha ghat-talba attrici, ossia li l-merkanzija mertu tal-fattura bin-Numru 88851 ghall-valur ta' €5,021.64 inghatat lilha *on consignment,* konsistenti tali provi essenzjalment fix-xhieda ta' Silvio Camilleri, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjetà konvenuta ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova imposta fuqha.

Huwa principju guridiku assodat illi *l-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt* ***mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni. F'kaz ta' kuntratt simili, il-kreditur ghandu dritt jitlob mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx***[18]**.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe v. Air Supplies & Catering Co. Ltd. Appell Civili Nru. 1162/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 2005, gie ulterjorment osservat illi: *kif sewwa qalet il-Qorti tal-Kummerc (per W. Harding J.) f'sentenza tas-26 ta' April 1951, fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dr. George Vassallo noe v. Victor Caruana noe"* (hawn appena citata) *"il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni". Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja* ***ma ssirx il-proprjetarja ta' dik il-merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li,***

---

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

[18] Dr. George Vassallo noe v. Victor Caruana noe, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' April 1951, Anthony Ruggier noe v. Francis Refalo, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Frar 1965 u Futura Home Appliances Co. Ltd. v. John Peresso, Avviz Nru.817/02 deciza fis-16 ta' Marzu 2005. Enfasi ta' din il-Qorti.

***mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha. Il-parti li tircevi l-merkanzija 'on consignment' hija ghalhekk il-kustodja, ossia depozitarja, ta' dik il-merkanzija u bhala tali ma tistax tippreskrivi favur taghha in kwantu dik il-parti tkun qed izzomm il-haga f'isem haddiehor. Tali persuna izda tista' tippreskrivi jekk it-titolu taghha jitbiddel 'minhabba raguni li tkun gejja minn terza persuna'***[19]***.*** *Dan ifisser li kemm-il darba jsir il-bejgh tal-merkanzija 'on consignment' il-parti li tkun irceviet il-merkanzija b'dan it-titolu tista' tissolleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kemm-il darba jkun ghadda l-perijodu preskrittiv mehtieg bejn id-data tal-bejgh lil terza persuna, li tkun allura holqot l-obbligu ta' hlas mill-'consignee' lill-principal. Isegwi li din l-eccezzjoni tista' biss tkun sollevabbli kemm-il darba ssir il-prova mill-'consignee' li huwa ttrasferixxa l-merkanzija lill-terzi persuni.*

Meta l-fatti tal-kaz in ezami kif esposti mis-socjetà konvenuta jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-principji guridici hawn appena citati, jirrizulta immedjatament evidenti li s-socjetà konvenuta ma kellhiex negozju mas-socjetà attrici fuq bazi ta' *on consignment* u lanqas ma kienet il-merkanzija formanti l-mertu tal-fattura bin-Numru 88851 ghall-valur ta' €5,021.64 moghtija lilha *on consignment*.

Jibda biex jinghad illi l-affermazzjoni tas-socjetà konvenuta li l-merkanzija mertu tal-fattura formanti l-qofol ta' dawn il-proceduri giet provduta lilha *on consignment* tikkuntrasta ferm ma' dak dikjarat minn Silvio Camilleri fl-affidavit tieghu esebit fis-17 ta' Mejju 2012, a fol. 50 sa' 52 tal-process, fejn essenzjalment jghid li n-negozju bejn is-socjetà konvenuta u s-socjetà attrici, wahda mis-suppliers taghha, kien dejjem wiehed ta' bejgh bl-intendiment li fejn ikun hemm akkwist ta' prodotti godda, jekk dawn ma jinbieghux jigu *returned* u tinhareg *credit note* a favur taghha, arrangement dan fi kwalunkwe kaz kontestat mis-socjetà attrici.

Fir-rigward Silvio Camilleri jiddikjara li *l-procedura li nixtri minghand Joe Galea, ta' General Distributors Ltd., kienet 'standard', bhal kull 'sales person' ta' 'suppliers' ohra, li nixtri minghandhom. Però, Joe Galea aktar bi hbiberija, peress li kien Direttur tal-kumpanija u b'aktar fiducja. Meta jigi xi 'sales person' kienet, u ghadha sa' llum, il-mara tieghi (Yvonne) tigi u tghidli li gie 'salesman' ta' tali kumpanija biex isaqsini tordnax xi merkanzija li kien jonqosna. Jiena nghidilha, jew le, jew Ok, biex tordna. Wara li taghtih l-ordni, is-'sales person' jigi l-ufficcju ghandi biex nikkonferma l-ordni, nara jekk jkollux xi offerta u nordna kemm ghandi bzonn. Jekk ikolli xi pagament x'inhallas, naghmillu cheque.* ***Hafna drabi joffruli prodotti godda u jiena nixtrihom bil-kundizzjoni li jekk ma nbieghhomx, johodhom lura. Hafna drabi kienu jinbieghu però hemm xi drabi li hadu***

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.

***merkanzija lura u jaghmlulna 'credit note' u l-ammont jonqos mill-kont li jkun ser jithallas. Dejjem hekk kien isir u hekk ghadu jsir mas-'suppliers' u l-klijenti kollha taghna. Issa meta Joe Galea ghednilu biex jiehu l-merkanzija lura ghax ma nbieghetx u jaghmel 'credit note'***, *dejjem qalilna lili u lill-mara biex inhalluha naqra ohra, forsi tinbiegh. Kien ghalhekk, li jiena ghidt lil Joe Galea li ma kontx ser inhallas dik l-'invoice' ghax rajtu qed itawwal wisq zmien biex johodhom lura. Però ma kienx oggezzjona ghad-decizjoni li konna ftehmna. Kien baqa' jigi bhas-soltu u qatt ma semmieha dik l-'invoice'. Sa' l-2005 kont ghalaqt il-hanut u ghalhekk naqqast hafna mix-xiri ghax hafna prodotti kont nixtrihom ghall-hanut biss. Ghidt li naqqast mix-xiri peress li ahna ninpurtaw hafna merkanzija li inbieghu bhala distributuri lill-hwienet. Fl-2007 meta jiena ghalaqt wiehed u sittin sena, ghidt lil kull 'sales person' li ma kontx ha nixtri iktar jew ser innaqqas l-ordnijiet. Fil-fatt l-ahhar li xtrajt minghandu (Joe Galea) kien fi Frar ta' l-2007. Kienet s-sena l-2009 jigifieri sitt snin wara d-data ta' l-'invoice' li Joe Galea biddel l-opinjoni tieghu u talabni li dik l-'invoice' tithallas. Kien sabni hiereg mill-garage tieghi. Però, jien ghedtlu li ma kienx baqa' ebda kont pendenti ghax hu dejjem injora l-'invoice' ta' merkanzija li kellu jiehu lura u issa ghaddew sitt snin mid-data ta' dik l-invoice. Li gara kien traskuragni tieghu (Joe Galea) biss.* ***Jiena kont inkun iktar kuntent li kieku fl-2003 gie ssettilja l-kont bil-'credit note'***.

Apparte l-fatt li dak affermat minn Silvio Camilleri fl-affidavit tieghu dwar in-natura tan-negozju mas-socjetà attrici ma jikkombacjax ma dak minnu affermat in kontro-ezami waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2013[20], il-Qorti difficilment tista' temmen li n-negozju bejn il-partijiet kontendenti fir-rigward tal-merkanzija mertu tal-fattura bin-Numru 88851 ghall-valur ta' €5,021.64 kien wiehed *on consignment* meta Silvio Camilleri stess jghid li kien qed jippretendi l-hrug ta' *credit note* ghall-merkanzija li ried jirritorna lis-socjetà attrici, pretensjoni din li baqa' jishaq fuqha anke waqt il-kontro-ezami. La darba l-ispedizzjoni ta' merkanzija *on consignment* ma huwiex bejgh, mar-ritorn tal-merkanzija – jew ghall-inqas mar-ritorn tal-merkanzija li ma tkunx inbieghet – tinhareg fattura ghall-hlas tal-merkanzija li nbieghet u mhux *credit note* ghall-merkanzija ritornata u dana billi *credit note* essenzjalment timplika li kien hemm bejgh bejn il-partijiet kontraenti u tissarraf fi kreditu futur ghall-akkwirent fil-konfront tal-bejjiegh. B'hekk il-kuncett tal-hrug ta' *credit note* ma huwiex konsonu ma' negozju ta' l-ispedizzjoni ta' merkanzija *on consignment*.

Hemm fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti juri b'mod car li n-negozju bejn il-partijiet kontendenti, anke fejn jirrigwarda l-merkanzija formanti l-mertu tal-fattura bin-Numru 88851 in kontestazzjoni f'dawn il-proceduri, ma kienx wiehed ta' spedizzjoni ta' merci *on consignment,* u dan huwa l-fatt li s-socjetà konvenuta ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-azzjoni attrici. Fl-eccezzjoni preliminari

[20] Fol. 76 u 77 tal-process.

taghha u fil-provi in sostenn ta' l-istess, is-socjetà konvenuta ma tat l-ebda indikazzjoni li kienet qed tattakka l-azzjoni attrici bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni vis-à-vis *quantum* partikolari jew determinat mis-somma pretiza, anzi l-unika haga li tirrizulta hi li s-socjetà konvenuta qed tattakka l-azzjoni attrici ghall-ammont intier ta' €5,021.64 bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet michuda bis-sentenza preliminari moghtija fit-12 ta' Dicembru 2011, is-socjetà konvenuta ma tistax tippretendi li il-Qorti tinjora l-import ta' dik l-eccezzjoni fil-kuntest tal-konsiderazzjoni ta' l-allegazzjoni li dan in-negozju partikolari bejnha u s-socjetà attrici kien wiehed ta' spedizzjoni ta' merce *on consignment.*

Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-veracità ta' l-allegazzjoni avvanzata mis-socjetà konvenuta huwa dak li jirrizulta mill-kontro-ezami ta' Silvio Camilleri meta ddikjara li *jien ma nistax nghid bl-ezatt kemm bieghhejt prodotti mertu ta' din il-fattura, però xi haga kont bieghhejt.* Ladarba l-bazi ta' l-ispedizzjoni ta' merce *on consignment* essenzjalment tikkonsisti fil-hlas **biss** tal-merkanzija li effettivament tinbiegh, il-Qorti difficilment temmen li seta' kien hemm tali negozju bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta u l-istess socjetà konvenuta ma zzomx rendikont tal-merkanzija li tbiegh u li per konsegwenza tkun obbligata li thallas ghaliha.

Fid-dawl ta' dawn kollu osservat il-Qorti ttenni li fil-fehma taghha s-socjetà konvenuta ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova impost fuqha u konsegwentement jirrizulta li hija effettivament debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta' €5,021.64, liema somma ghandha tithallas minnha lill-imsemmija socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mis-socjetà konvenuta u minflok tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici is-somma ta' €5,021.64, bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta' Jannar 2010, id-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fit-23 ta' Dicembru 2009 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**